ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 16 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru 2013 fis- 7.15pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Ambaxxatrici | Is-Sinjorina Christine Dalli |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

**Prezenti ukoll kien hemm diversi nies mill-pubbliku li attendew ghal ftuh tat-tenders.**

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Novembru 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Novembru 2013;
5. Tenders;


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 15 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekonda il-Kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Taghrif mill-Minuti**

Is-Segretarju qalet li dwar l-applikazzjoni tal-GAL Xlokk, dawn ta' l-ahhar talbu aktar dokumenti.

Is-Segretarju qalet li irceviet ir-Rapport Finanzjarju mingħand l-*Accountant* fejn saru xi aggustamenti.
Is-Segretarju pogga kopja tar-Rapporti Finanzjarji (Apr-Jun) u (Jul-Sep) ghal kulhadd u talab li jigu osservati it-tibdiliet. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill u il-Kunsill qabel.

Dwar is-Sinjura Mallia is-Sindku qal li din ser issiefer ghaldaqstant ser thalli 10 tijiem leave ghas sena id-diehla.
Is-Sindku qal li mis-sena id-diehla ma jaccettax li jithallew aktar minn 5 tijiem leave ghas-sena ta' wara jekk ma jkunx hemm talba specifika.

Is-Sindku qal li kellem lil-Perit Marvin Ellul dwar Triq il-Ħannieqa minħabba li parti minnha qed iżżomm ħafna ilma u dan ta' l-ahhar qal li l-ahjar jew jitnehhew il-planki, jew tkun aktar effettiva jekk itiwessgha il-bankina jen izomm l-ilma u jithaffer bhal sprall biex l-ilma jmur fis-sigar li hemm fil-qrib.

Dwar il-progett tal-PPP is-Sindku qal li attenda ghal laqgha id-Dipartiment ghall-Kunsilli Lokali. Din il-laqgha kienet mas-Sur Cleavon Galea fen dan ta' l-ahhar talab lis-Sindku jghid lil-Perit tal-Kunsill ilesti ic-Certifikati tat-toroq u wara li dawn jintbghatu lis-Sur Galea id-Dipartiment lest li johrog xi hlasijiet.

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment bagħatu Memo 30/2013 dwar Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn infurmaw jekk hemm xi ittri mhux imwiegba dawn jinfurmaw id-Dipartiment b' *reminder* għal kull talba pendenti sal-15 ta' Jannar, 2014.

ĦAL GĦAXAQ

Infurmaw dwar Memo 31/2013 dwar Identifikazzjoni ta' Binjiet fil-Lokalitajiet biex isir l-Eżerċizzju tat-Tiġdid tal-Karti tal-Identita' fejn qed tintalab informazzjoni mill-Kunsilli Lokali dwar postijiet fejn jistgħu jservu bħala Front Office għal dan il-għan. L-informazzjoni trid tingħata sa' mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar, 2014.

Regghu infurmaw dwar Memo 122/2010 u 8/2011 rispettiviament dwar Ikliet/Riċeviment orgnaizzati mill-Kunsilli Lokali fejn hemm mgħarraf fuqhom li ħlas għal ikliet kull perusna huwa ta' € 30 u għal riċeviment huwa ta' € 15 fejn dawn iż-żewg ammonti m'ġhandhomx jinqabżu.

2. Mill-AKL infurmaw li rċevew e-mail mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar SSC&P fejn din hija sistema li ġiet introdotta f'Settembru ta' 2010 fejn dan qed jissotitwixxi ċ-ċertifikat tat-tmiem tal-Iskola fejn fuqhu jkollok imniżel kull attivita' li l-istudent ikun wettaq. Dan qed isir sabiex ikun hemm aktar għarfien fuq din is-sistema.

   Bagħatu wkoll dwar il-ħlas tal-*Performing Rights,* li huwa ta' € 20 li jkopri s-sena 2014. Dan huwa hlas li jsir sabiex il-Kunsill jkun jista jtella attivitajiet barra l-Kunsill.

3. Mill-MEPA fejn infurmaw li fil-5 ta' Diċembru, 2013, instema' l-appell għar-Rikonsiderazzjoni tal-Iskedar ta' Villa Mekrech u Villa Gannini, fejn għaliha attenda s-Sindku.

   Bagħatu wkoll dwar applikazzjonijiet ġodda PA /03384/13 dwar emendi f'PA1395/11 fejn ser isir xi tibdil fil-faċċata u anke xogħol intern fi Triq San Ġużepp k/m Triq il-Barbazzal.
   PA/03422/13 dwar alterazzjonijiet għal garaxxijiet sabiex jiġu ħwienet f'Dawret Ħal Għaxaq k/m Triq il-Bizzilla.

4a plenarja

. Mit-TM infurmaw dwar l-*sleeping police* fi Triq ta' Loretu ma ġietx kunsidrata r-raġuni hi lijkun hemm sleepingpolice wisq vicin ta' xulxin.

Infurmaw ukoll dwar *Reserved Parking* ta' Ms Carmen Briffa ta' Triq tal-Qattus sabiex naraw kemm insibhux oġġezzjoni għalih. Il-Kunsill ma ghandu ebda oggezzjoni.

5. Mill-GAL Xlokk infurmaw li kull min applika għal miżura *Action A5 – 'Embellishment Projects'*, il-VAT trid titħallas mill-Kunsill innifshu.

6. Mill-ANSEK (Assoċjazzoni tas-Segretarji Eżekuttivi) infurmaw li ser isir sessjoni ta' informazzjoni dwar is-SEPA ( *Single European Payments Area*) fil-11 ta' Diċembru, 2013, fis-2 p.m., ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Mosta.

ĦAL GĦAXAQ

7. Mir-Reġjun Nofsinhar stiednu lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi, ghal *Networking Lunch*, li ser isir fil-14 ta' Diċembru, 2013 ġewwa *Xara Lodge Palace* l/o Rabat fil-11:30 a.m.

8. Mingħand il-BOV fejn infurmaw li l-Kumissiarju tat-Taxxi Nterni jrid li l-bank jinkludi n-numru tat-*Tax Payer* meta jiġi rrapurtat il-qligħ fuq il-kont ( formola annessa).

9. Mingħand Legio X Fretensis – Malta, fejn bagħatu din l-ittra sabiex jinfurmaw dwar is-servizzi li joffru huma bħala grupp ta' attivitajiet kulturali fejn dawn jirrapreżantaw l-perjodu Ruman tal-ewwel seklu wara Kristu.

10. Mill-MUSEUM tas-Subien, infurmaw li ser tiġi organizzata l-purċissjoni tal-Bambin nhar l-24 ta' Diċembru, 2013 fil-5:30 p.m.

atu

11. Mingħand Kumitat Lokali Laburista ta' Ħal Għaxaq, fejn stieden lill-Kunsill kollu għal bibita, fil-21 ta' Diċembru, 2013, fis-7:30 p.m., fiċ-Ċentru Lokali Laburista.

12. Mingħand PN Għaxaq, fejn stieden lill-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv għar-riċeviment, fl-14 ta' Diċembru, 2013, fid-7:00p.m., ġewwa l-Każin PN Għaxaq.

13. Mingħand is-Sur J. Caruana, fejn qed jagħmel talba għal *No Parking Space* quddiem No. 134, Triq St.Marija fejn għandhu l-bieb tal-garaxx li ser jiġi użat bħala *Funeral Services*.ba1

14. Mingħand Mr. Gerald Agius Ordway – *Project Manager – Nexos Lighting Technology*, fejn dan informa li tefgħu l-offerta tal-*GAL Xlokk Events ( GXR 413.A6)* u peress li hemm imniżel l-Karnival Fest ( 28.02.14 - 04.03.14) talab sabiex jiltaqa' ma' minn hu responsabbli minn naħa tal-Kunsill peress li xtaq aktar tagħrif f'dan ir-rigward.

15. Mingħand Għaxaq FC fejn infurmaw dwar l-attivitajiet li se jorganizzaw matul ix-xahar ta' Diċembru, 2013, fejn il-Party tat-Tfal ser ikun fit-13.12.13 bejn is-6:30 u t-8:30 ta' filgħaxija, ser isir Marathona b'risq l-Istrina fil-15.12.13 bejn it-8:00a.m. u s-6:00 p.m. u l-*Pasta Night* fit-18.12.13 mit-8:30 p.m. il-quddiem.

16. Mill-Greenpak fejn infurmaw li jekk jidħlu ilmenti relatati magħhom ngħaddu l-informazzjoni mehtieġa lilhom, dejjem fuq approvazzjoni tal-istess resident sabiex isewgi l-każ, u dan jiġi riżolt u b'hekk kulħadd ikun moqdi kif supposta.

ĦAL GĦAXAQ

17. Mingħand Mons. Dun Salv Grima, fejn għandna kopja ta' ittra mibgħuta lis-Sur Wigi Duca dwar kontejner li bagħat bl-affarijiet lejn il-Gwatemala lill-missjunarju Għawdxi Dun Anton Grech u wkoll informa li hemm wasal l-kontejner bl-oġġetti li ser juża s-Sur Duca waqt iż-żjara li ser ikollhu l-Gwatemala.

18. Mill-Kunsill Lokali ta' M'Scala, fejn għarrfu dwar il-Kawża tal-Impjant tar-Riċiklaġġ ġewwa M'Scala fejn bħala Kunsill niffurmaw parti mill-Kumitat. Infurmaw li ser jerġa' jsir appell u trid titħallas is-somma ta' € 252.06 bħala parti mill-ispiża. Qabel ma tithallas din is-somma Il-Kunsill talab lis-Sindku jiccekkja jekk hux ser isir xi haga ghax l-impjant sar xorta.

19. Mill-Aġenzija Żagħżagħ, fejn infurmaw bl-attivita' li ser isir fit-12 ta' Diċembru, 2013, ġewwa l-*Youth Hub St.Venera Umberto Colosso Building* fis-7:30 p.m. fejn l-Kunsill taż-Żagħżagħ ġew kollha mgħarrfa b'din l-attivita' filwaqt li qed iħeġġu jkun hemm xi ħadd preżenti mill-Kunsill ukoll.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Infurmajna lill-ETC dwar l-Iskema ta' CIES fejn tlabna sabiex jissupplixxuna b'lista oħra ta' parteċipanti li jaqdu l-ħtiġijiet ta' *cashier / office helper*. Dawn bagħatulna l-lista ta' applikanti eleġibbli. ( Anness CVs)

Dwar din li Skema is-Segretarju qalet li rceviet diversi CV's u ghaldaqstant trid tinstab gurnata biex isiru l-interviews.

Is-Segretarju kompliet tghid li issa li se jkun ingaggat persuna ohra mal-Kunsill hi tixtieq li bhal ma tkompliex tidhol nhar ta' Sibt bhal ma

għamlet għal diversi snin li għaddew.  Hi kompliet tgħid li hi kienet tidħol is-Sibtijiet volontarjament  mhux obbligata w kienet tieħu gurnata off fil-gimgħa, izda il-fatt li l-laqgħat tal-Kunsill qed isiru kull ħmistax ikun hemm gimgħa iva u gimgħa le fejn hi minħabba il-laqgħa tidħol għax-xogħol wara nofsinhar u tibqa sal-10.30pm sa xhin tispicca il-laqgħa qalet li kienet ukoll tidħol is-Sibt u minħabba hekk tieħu gurnata off, u kienet qed tispicca tgħamel ħafna xogħol id-dar. Għalkemm hi ma sabet ebda oggezzjoni li tgħamel xogħol mid-dar, hi kienet qed tircievi kummenti dwar in-nuqqas tagħha.

Il-Kunsill qabel ma dak li qalet is-Segretarju.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sindku qal li l-persuna li se tigi ingaggata tibda tiftaħ l-ufficcju nhar ta' Sibt u tgħamel xogħol ta' kaxxier u xogħol li tgħamel s-Sinjura Mallia.

Għal dawn il-kummenti s-Sinjura Agius u s-Sur Vassallo staqsew x'se jkun ix-xogħol tas-Sinjura Mallia meta tigi ingaggata il-persuna gdida.

Is-Sindku ma kkumentax izda qal li s-Sinjura Mallia tgħamel xogħol li mhux suppost, qal ukoll li hi x-xogħol tagħha fejn tieħu ħlasijiet hu telf ta' ħin.  Għal dan is-Segretarju staqsiet is-Sindku x'ħinu ix-xogħol li s-Sinjura Mallia  mhux suppost tgħamel. Is-Sindku wiegeb li din tittajpja il-korrispondenza.

Għal dan is-Segretarju qalet li s-Sindku għandu zbal għax il-pozizzjoni tas-Sinjura Mallia titlob aktar milli qed jaħseb hu. Is-Sindku semma ukoll li s-Sinjura Mallia tmur il-bank, is-Segretarju qalet li s-Sinjura Mallia volontarjament tmur il-bank izda jekk dan mhux accettabbli, tmur hi (s-Segretarju) il-bank.

Għal kummenti li għamel is-Sindku li l-persuna ingaggata tibda tkun waħeda il-Kunsill, il-Kunsillieri, Agius, Schembri u Fenech ma qablux ma dan minħabba li persuna bi bzonnijiet specjali ma tistax titħalla waħeda. Qalu ukoll li din mhux se tkun tista tgħamel certu xogħol għaldaqstant ma tkunx tista taqdi r-residenti f'dak kollu li jkollom bzonn.

Hawnhekk daħal il-fatt li xi ħadd irid ikun ma din il-persuna u gie issuggeriet li s-Sinjura Mallia taħdem bir-reduced hours minħabba il-fatt li din jkollha it-tifel wara is-sagħtejn u nofs. Is-sigħat li hu ma taħdimx fost il-gimgħa tidħol tpatti għalihom is-Sibt u b'hekk il-persuna gdida ma tkunx waħeda.

Is-Sinjura Agius qalet li l-ahjar naraw il-finanzi tal-Kunsill kif inhuma qabel ma jittiehed dan il-pass ta' ngagg jekk din il-persuna se tkun fuq pagamenti biss.

Is-Sindku qal li din il-persuna se tkun fuq probabtion ghal 6 xhur u se tahdem mit-Tnejn sas-Sibt.

Din il-materja ghad tid tigi diskussa.

b) Is-Sindku nforma bil-ħatra tal-Ispettur Fenech li għandhu x'jaqsam ma' Ħal Għaxaq, fejn bagħat ukoll l-*e-mail address* tiegħu li huwa johann-joseph.fenech @gov.mt

ĦAL GĦAXAQ

4. **<u>Materji Finanzjarji</u>**:

   *a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Novembru 2013, li kienu jammontaw għal €107.09. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€107.09 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Vici Sindku Vassallo.

   *b.* ***Skeda ta' Ħlas Novembru 2013***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2013 u li jammontaw għal €48,065.60. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

5. **<u>Tenders</u>**

Is-Sur Fenech fil-prezenza tal-Kunsill kollu w n-nies mill-pubbliku prezenti fetah l-Offerti li ntefghu ghal-

1. Ftuh u Manutenzjoni tal-Latrini
2. Tal-Knis u tindif tat-toroq.
3. Tal-Gbir tal-Bulky refuse.

Schedule ta' dawn it-tenders annessa. Il-Kunsill qabel li jahtar board ghal ghazla ta' dawn l-offerti.

**6**. **<u>Suggerimenti</u>**;

1. Il-Kunsill qabel li r-riceviment tal-Kunsill isir fl-4 ta' Jannar 2013, lista tal-mistednin bhal dik ta' Jum Hal Ghaxaq u mit-tlett kwotazzjonijiet li rcieva il-Kunsill, dik tal-Primavera kienet l-irhas ghaldaqstant l-ordni ghar-riceviment issir minghand Primavera. Il-kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li hemm il- ħtiega li jingiebu l-wardens fil-lokal kif gej:

**<u>Filgħodu</u> :-**

- 1 bejn il-5 u t-8 ta' filgħodu fi Triq San Pawl, San Pietru u Dun G. Naudi u bejn it-8 a.m. u n-12 p.m. fi Triq it-Tumbarellu ( hdejn l-iskips).

ĦAL GĦAXAQ

- 2 bejn il-5 u d-9 ta' filgħodu fi Ġnein 2000 u Triq il-Bwar ( persuni klieb bla boroż) ; mid-9 u l-10:30 ta' filgħodu Triq G. D'Arena u G. Demcoli; bejn l-10:30 a.m. u n-nofsinhar Bir id-Deheb ( hdejn l-iskips u l-akwata).

**<u>Wara Nofsinhar</u> :-**

- 1+2 mill-4 sas-7 ta' filgħaxija Triq it-Tumbarellu ( ħdejn *bring-in-sites*); mill-4 sas-7 p.m. Triq San Gorg ( fetħa).

- 1+2 mis-7 sal-10 p.m. Gnien il-Kunsill u Ġnien 2000.

Dwar dawn il-hinijiet sabiex jigu ingaggati il-*wardens*, il-Kunsill qabel li l-*wardens* jingiebu f'Jannar ghal 28 siegha, sar qbil ukoll li hu important li l-Kunsill ma jidholx fi spejjez biex jingiebu dawn il-*wardens*.

3. Is-Sinjura Agius ipprezentat ittra fejn spjegat l-assenza taghha fil-laqgha precedent. Il-Kunsill accetta l-ittra.

4. Is-Sinjura Schembri qalet li t-tfal se jittiehdu harga Montekristo u l-ikla ta' l-anzjani ser issir fid-29 ta' Dicembru f'nofsinhar fis-Sala Nazareth. Il-Kunsill qabel.

5. Il-Kunsilliera Schembri qalet li ser torganizza Heritage Trail nhar it-30 ta' Dicembru 2013 bejn is-2.00 u l-4.00 ta' wara nofsinhar. Ghaldaqstant ikun hemm il-htiega jinghalqu t-toroq Santa Marija kollha sa Santu Kristu, Triq San Filippu, Triq Santa Tereza u Sqaq San Pawl. Qalet ukoll li se tippremja it-tfal li jirbhu bi ktieb ta' Hal Ghaxaq u Niesu. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sinjura Schembri qalet li ghanda bzonn cekk ta' €25 biex jithallas id-*deposit* ghal party tat-tfal. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sinjura Schembri qalet li xtaqet lis-Sindku jipproponi li l-gurnata li fiha issir il-Laqgha tal-Kunsill Is-Sindku ppropona li tkun it-Tnejn fis-6.30pm. Qalet ukoll li tixtieq tghamel harga ghal Ghawdex nhar il-Hadd 5 ta' Jannar 2014. il-Kunsill qabel.

8. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jitranga ftit il-Kunsill, jinbidlu l-purtieri, jitrangaw is-siggijiet u jinzebagh. Il-Kunsill ma wasalx ghal decizjoni.

9. Is-Sindku qal li jehtieg napplikaw Transport Malta biex it-toroq li jghatu ghal pjazza jibdew jinghalqu bil-bollards fil-Hdud u Festi biex ma kunx hemm karozzi pparkjati fil-pjazza. Is-Sindku qal ukoll li mill-1 ta' Jannar 2014 in-nies jibdew jinghataw warnings jekk ma jipparkjawx fil-parking bays. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

10. Is-Sur Abela qal li fil-klabb tal-bocci hemm il-htiega li jitwahhlu zewg *floodlights* minhabba li jkun hemm wisq dlam, accettat li dawn jitwahhlu. Il-Kunsill qabel.

11. Is-Sundku qal li se jibdel l-ufficcju tieghu ma l-ufficcju fen hemm is-Sinjura Mallia issa, qal ukoll li se jbajjad u jizbogh u se jmexxi il-wires kollha minn naha ghall ohra. Il-kunsill qabel

12. Is-Sindku qal li se jgib kwotazzjonijiet biex jghamlu id-Dustbins fil-pjazza u jitnehhew dawk li hemm.

    Il-Kunsillier Agius kif ukoll il-Kunsillier Fenech qalu li n-nies qed jghaddu hafna kummenti dwar kemm huma koroh dawn id-dustbins u jaqblu li jitnehhew. Il-Kunsill qabel.

13. Is-Sindku qal li jehtieg isiru il-barriers fi Triq San Filippu. Il-Kunsill qabel

14. Il-Kunsillier Fenech xtaq ikun jaf kif meta il-policy tal-wardens hi dik li jkunu fil-madwar tar-rahal u mhux fil-core tar-rahal, dawn qed jghatu citazzjnijiet lil nies li jkollhom il-karozza fid-driveway taghhom u jkunu ftit fuq il-bankina.

    Is-Sindku qal li jrid jindaga sew fuq din il-bicca minhabba li nisa li jmorru jwasslu it-tfal li skola u jipparkjaw ghl ftit minuti fejn mhux suppost jinghataw citazzjoni.

    Hawnhekk is-Sinjura Schembri qalet li hafna drabi ma jkunx hemm pulizija jidderigi it-traffiku waqt il-hin li t-tfal jispiccaw li skola. Is-Sindku qal li jekk xi karozza tal-linja tghaddi fil-hinijiet tal-iskola, jinfurmaw lil kunsill halli jghaddu rapport lil TM. Is-Sindku staqsa hemmx possibilta li

nghamlu bollards waqt hinijiet partikolari, u jinqalghu wara li tfal ikunu telqu.

**Aġġornament**

Is-Sindku fid-10.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2014 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Ikkonfermati:- it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2014 fis-6.00pm